

Il-Ġurnal Uffiċjali C 339

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

5 ta' Settembru 2022

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 339/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10781 — KB AG / KB SFN / KBJ) ⁽¹⁾	1
2022/C 339/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10861 — HG / TEAM.BLUE) ⁽¹⁾	2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 339/03	Rata tal-kambju tal-euro — It-2 ta' Settembru 2022	3
---------------	--	---

Il-Qorti tal-Awdituri

2022/C 339/04	Rapport speċjali 18/2022 — “Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi”	4
---------------	--	---

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 339/05	Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33	5
---------------	---	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10781 — KB AG / KB SFN / KBJ)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 339/01)

Fit 29 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10781. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10861 — HG / TEAM.BLUE)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 339/02)

Fit 29 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10861. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-2 ta' Settembru 2022

(2022/C 339/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	0,9993	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3131
JPY	Yen Ġappuniż	140,36	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	7,8439
DKK	Krona Daniża	7,4370	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6394
GBP	Lira Sterlina	0,86478	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4013
SEK	Krona Żvediża	10,7498	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 360,84
CHF	Frank Żvizzeru	0,9839	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,2791
ISK	Krona İzlandiża	141,50	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,9031
NOK	Krona Norveġiża	10,0035	HRK	Kuna Kroata	7,5225
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 895,92
CZK	Krona Ċeka	24,481	MYR	Ringgit Malażjan	4,4809
HUF	Forint Ungeriż	398,38	PHP	Peso Filippin	56,854
PLN	Zloty Pollakk	4,7063	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumun	4,8335	THB	Baht Tajlandiż	36,624
TRY	Lira Turka	18,2072	BRL	Real Brażiljan	5,2153
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4671	MXN	Peso Messikan	20,1024
			INR	Rupi Indjan	79,8096

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport speċjali 18/2022

“Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi”

(2022/C 339/04)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport speċjali 18/2022 tagħha “Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi”.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat direttament jew imniżżel minn fuq is-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=61688>

V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Publikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2022/C 339/05)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ⁽¹⁾.

KOMUNIKAZZJONI TA' EMENDA STANDARD LI TIMMODIFIKA D-DOKUMENT UNIKU

Navarra

PDO-ES-A0127-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 14.6.2022

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJET GĦALIHA

IL-POSSIBILTÀ LI JITĦALLTU NBEJJED ROŻÈ MA' ĦOMOR

Qed tiġi introdotta l-possibiltà li jitħallat jew jiżdied inbid rożè mill-ħsad tas-sena ta' qabel mal-inbid aħmar tas-sena attwali, sakemm il-perċentwal ta' rożè ma jaqbiżx 15 % tal-kapaċità totali li tirriżulta.

Din l-emenda tikkonċerna l-punt 3.b(c) tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott u l-punt 5.1 tad-Dokument Uniku.

L-emenda titqies bħala emenda standard skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, peress li ma tinkludix bidla fl-isem tad-Denominazzjoni ta' Orìġini Protetta; Ma tikkonsistix f'bidla, tħassir jew żieda ta' kategorija jew ta' prodott tad-dwieli, kif imsemmi fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013; Ma għandhiex il-potenzjal li tħassar ir-rabta msemmija fil-punt (a)(i) jew fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013; u ma tinvolvi aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Wara t-tmiem tal-istat ta' emerġenza ddikjarat bid-Digriet Reġju 926/2020 tal-25 ta' Ottubru 2020 u estiż sad-9 ta' Mejju 2021 bid-Digriet Reġju 956/2020 tat-3 ta' Novembru 2020, u bit-tneħħija gradwali tal-miżuri eċċezzjonali adottati mill-gvern (lockdown, għeluq totali tal-industrija tal-ospitalità u għeluq tal-fruntieri, eċċ.), is-soċjetà mxiet lejn in-normalizzazzjoni tal-attivitajiet, ħaġa li se jkollha impatt pożittiv fuq is-suq tal-inbid u se twassal għal żieda fil-konsum.

⁽¹⁾ ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

Minħabba li l-inbejjed rożè għandhom tendenza li jġu kkunsmati l-aktar fix-xhur tar-rebbiegħa u tas-sajf, kienu l-aktar affettwati mill-miżuri restrittivi adottati bħala riżultat tal-kriżi tas-saħħa tal-COVID. Il-konsum tal-inbejjed rożè normalment jonqos ħafna mill-ħarifa 'l quddiem. Dan baqa' l-każ, minħabba l-istat ta' emerġenza li ninsabu fih u r-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Is-sena li għaddiet kien possibbli li dan it-tnaqqis jiġi kkompensat bl-introduzzjoni ta' emenda eċċezzjonali temporanja għall-punt 3.b.c tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott fuq talba tal-Bord Regolatorju, b'konsegwenzi pożittivi ħafna għall-produtturi tagħna.

L-effett pożittiv tal-emenda ta' hawn fuq juri li l-miżura temporanja eċċezzjonali meħuda jeħtieġ li ssir permanenti fid-dawl tar-riżultati eċċellenti miksuba. L-evitar tal-bejgħ fit-tul tal-inbejjed rożè assigura standards ta' kwalità u evita dewmien fit-tqegħid fis-suq tal-inbid mill-ħsad li jmiss, u b'hekk żgura l-kompetittività tiegħu.

L-emenda proposta hija konformi mal-leġislazzjoni Ewropea, peress li l-punt 2 tal-Artikolu 7 [Definizzjoni tal-coupage] tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jgħid kif ġej: "Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-inbid rożè għandu jitqies bħala nbid aħmar."

Il-kwalità tal-inbejjed ħomor mhux imqaddmin li jirriżultaw mis-sena inizjali l-ġdida se tissaħħaħ u l-karatteristiċi organolettiċi tagħhom saħansitra jittejbu; l-aromi primarji, it-trattib, it-tannini, eċċ. kollha għandhom effetti pożittivi fuq il-kwalità u l-karattru distint tal-inbejjed tad-DOP Navarra, f'konformità mal-karatteristiċi analitiċi stipulati fil-punt 2.a.c tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-DOP Navarra.

DOKUMENT UNIKU

1. Isem/ismijiet

Navarra

2. Tip ta' indikazzjoni ġeografika

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

1. Inbid

3. Inbid likur

4. Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed

1. Inbid abjad

Lewn isfar ċar li jagħti fl-isfar dehbi, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'tonalitajiet ta' frott u/jew ta' fjuri u/jew ta' pjanti. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu aċidità integrata sew, b'aroma retronażali ta' frott u b'finitura medja sa għolja.

* Jekk iz-zokkrijiet residwi jaqbżu l-5 g/l il-kontenut ta' diossidu tal-kubrit irid ikun ta' 300 g/l jew inqas. Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	12,5
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	190

2. *Inbid abjad immaturat fl-injam (iffermentat fil-bettija, Crianza, Reserva, Gran Reserva)*

Lewn isfar kulur it-tiben li jagħti fl-isfar dehbi, bi sfumaturi fl-ambra, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'tonalitajiet ta' njam u/jew pikkanti u/jew affumikati. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu aċidità integrata sew, b'aroma retronażali ta' njam u b'finitura medja sa għolja.

Jekk il-kontenut taz-zokkor residwu jkun akbar minn 5 g/l, il-kontenut tad-diossidu tal-kubrit ikun daqs jew anqas minn 300 g/l.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	fmilliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (fmilliekwivalenti għal kull litru)	15
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (fmilligrammi għal kull litru)	190

3. *Inbid abjad magħmul minn għeneb infettat mill-Botrytis*

Lewn isfar ċar li jagħti fl-isfar dehbi, bi sfumaturi fl-ambra, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'tonalitajiet ta' frott u/jew ta' fjuri u/jew ta' pjanti. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu aċidità integrata sew, b'aroma retronażali ta' frott u b'finitura medja sa għolja.

L-aċidità volatili tiżdied b'1 meq/l għal kull grad ta' qawwa naturali attwali ta' aktar minn 10 % fil-volum.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	fmilliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (fmilliekwivalenti għal kull litru)	13
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (fmilligrammi għal kull litru)	190

4. *Inbid rożè*

Lewn li jagħti fir-roża, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'aromi ta' frott aħmar u iswed u/jew ta' frott. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu aċidità integrata sew, b'aroma retronażali ta' frott aħmar u iswed u/jew ħelwa u b'finitura medja sa għolja.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	12,5
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	190

5. *Inbid rożè mmaturat fl-injam (iffermentat fil-bettija, Reserva)*

Lewn li jaġhti fir-roża, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'aromi ta' frott aħmar u iswed u/jew ta' njam. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu aċidità integrata sew, b'aroma retronażali ta' njam u b'finitura medja sa għolja.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	15
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	190

6. *Inbid aħmar*

Lewn vjola li jaġhti fl-aħmar kulur ir-rubini, limpidu u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'tonalitajiet ta' frott u/jew ta' njam. Fil-ħalq, ibbilanċjat u għandu densità medja, b'aroma retronażali ta' frott u/jew ta' njam u b'finitura medja sa għolja.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	12,5
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	140

7. *Inbid aħmar immaturat fl-injam (Roble, Crianza, Reserva jew Gran Reserva)*

Lewn vjola fl-aħmar bi sfumaturi ħamranija, ċar u jleqq. Aroma b'intensità medja sa għolja, mingħajr difetti u b'tonalitajiet ta' njam u/jew pikkanti u/jew affumikati. Fil-ħalq, ibbilanċjat, b'densità medja sa sħiħa, b'aroma retronażali ta' njam u b'finitura medja sa għolja.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	16,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	140

8. *Inbid likur*

Bojod: sofor ċari li jagħtu fil-kannella kulur il-kawba, ċari u jleqq. Ħomor: Vjola fl-aħmar li jagħtu fl-aħmar bi sfumaturi ħamranin, ċari u jleqq. Aroma b'intensità għolja, mingħajr difetti, b'noti ta' frott misjur jew imqadded. Fil-ħalq, dan huwa bbilanċjat, b'densità medja sa sħiħa, b'aroma retronażali ta' frott misjur jew imqadded u b'finitura medja sa għolja.

Kwalunkwe limitu analitiku mhux kopert se jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	15
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	190

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. *Prattika ta' kultivazzjoni*

Id-densità tat-tħawwil se tkun ta' mill-anqas 2 400 stokk għal kull ettaru.

Huwa awtorizzat li ssir irrigazzjoni b'sistemi lokalizzati fil-vinja. Is-sistemi tal-irrigazzjoni li ma humiex lokalizzati (it-tisqija bl-għarar, it-tisqija bil-friefet) huma awtorizzati sat-8 ta' Awwissu ta' kull sena.

2. *Prattika enoloġika speċifika*

Abjad: għeneb abjad biss. Hija permessa l-maċerazzjoni kiesħa.

Rożè: għeneb aħmar biss, il-volum massimu awtorizzat ta' most miġsub mit-tnixxija se jkun ta' 40 litru għal kull 100 kilogramma għeneb.

Ħomor: għeneb aħmar biss. L-inbid rożè jista' jiġi mħallat jew miżjud mal-inbid aħmar tas-sena ta' wara, sakemm il-perċentwal ta' rożè ma jaqbiżx 15 % tal-kapaċità totali li tirriżulta.

Inbejjed likuri: Iż-żieda ta' alkoħol etiliku ta' ≥ 96 % vol., jew ta' taħlita li jkun fiha dan u ta' most, most iffermentat, jew inbid, mill-Moscatel de Grano Menudo jew mill-Garnacha Tinta u Blanca b'livell alkoħoliku naturali ta' > 12 % vol. Fejn dawn jiġu mmaturati, jistgħu jiżdiedu l-most ikkonċentrat permezz tas-sħana diretta, il-Moscatel de Grano Menudo u/jew il-Garnacha Tinta u/jew Blanca.

3. Restrizzjoni dwar il-produzzjoni tal-inbid

Għall-preparazzjoni tal-inbejjed koperti mid-DOP, l-użu ta' pressi kontinwi jibqa' pprojbit.

It-tqaddim għandu jibda fl-1 ta' Ottubru fl-istess sena tal-ħsad.

5.2. Rendimenti massimi għal kull ettaru

1. Varjetajiet bojod

9 200 kilogramma għeneb għal kull ettaru

64,40 ettolitru għal kull ettaru

2. Varjetajiet ħomor

8 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

56 ettolitru għal kull ettaru

3. Inbid rożè

8 000 kilogramma għeneb għal kull ettaru

32 ettolitru għal kull ettaru

6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Muniċipalitajiet:

Distrett I: L-ebda

Distrett II: Lumbier, Lónguida, Romanzado u Urraul Bajo u Urraul Alto.

Distrett III: Obanos, Añorbe, Muruzabal, Tiebas-Muruarte de Reta, Adios, Legarda, Uterga, Guirguillano, Puente la Reina, Artazu, Echauri, Ucar, Tirapu, Vidaurreta, Enériz, Cizur.

Distrett IV: il-muniċipalitajiet kollha minbarra Genevilla, Cabredo, Marañón, Aras, Bargota, Viana, Aguilar de Codes, Zuñiga, Etayo, Ancín, Salinas de Oro, Lezaún u Abárzuza.

Distrett V: il-muniċipalitajiet kollha minbarra Petilla de Aragón.

Distrett VI: kollha minbarra Mendavia, San Arian, Azagra, Andosilla u Sartaguda.

Distrett VII: kollha minbarra Cortes, Cabanillas, Fustiñana, Fontellas, Ribaforada u Buñuel.

7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed

CABERNET SAUVIGNON

CHARDONNAY

GARNACHA BLANCA

GARNACHA TINTA

GRACIANO

MACABEO - VIURA

MERLOT

MOSCATEL DE GRANO MENUDO

TEMPRANILLO

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Inbid*

Iż-żona koperta mid-DOP Navarra tinsab f'żona ġeografika lejn it-Tramuntana tal-Peniżola tal-Iberja li hija ideali għall-kultivazzjoni tad-dielja. Il-klima hija Mediterranja b'influwenza Atlantika fir-reġjun tal-Majjistral, b'riħ kiesaħ u xott prevalenti madwar iż-żona kollha. Ix-xita medja hija ta' bejn 400 u 500 mm. Il-ħamrija għandha livelli għoljin ta' ġebela tal-ġir, livelli medji ta' kontenut tal-ġebel, u konsistenza ta' trab ġulgħieni tafli.

Dan l-ambjent ġeografiku jipprovdi nbejjed b'aċidità medja sa għolja, b'sensazzjonijiet organolettiċi ta' freskezza u toġhma bbilanċjata u b'ċerta natura minerali bħala riżultat tat-tipoloġija tal-ħamrija.

8.2. *Inbid likur*

L-inbejjed huma essenzjalment prodotti bil-varjetajiet Moscatel de Grano Menudo u Garnacha Tinta u Blanca, li huma nattivi għal Navarre u kkaratterizzati minn kontenut għoli ta' zokkor, tondizza u sensazzjoni żejtnija fil-palat, b'aromi ta' għeneb imqadded u bilanċ tajjeb bejn il-ħwawar ħelwin u aċidużi. Din id-densità għolja fit-toġhma hija r-riżultat ta' kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi kkaratterizzati minn klima xotta ħafna, temperaturi għoljin matul il-perjodu ta' tkabbir, preċipitazzjoni baxxa u nuqqas permanenti tal-ilma.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Il-karattri tipografiċi użati biex jindikaw l-isem tad-DOP fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jkunu anqas minn 3 mm jew aktar minn 9 mm u jridu jkunu ċari, jinqraw faċilment, ma jkunux jistgħu jitħassru u ma jkunux hoxxnin iżżejjed, u l-indikazzjoni ma tistax tiegħu aktar minn nofs il-wisa' totali tat-tikketta.

Il-logo tad-DOP huwa obbligatorju u ma jistax ikollu dijametru ta' anqas minn 8 mm jew ta' aktar minn 11-il mm.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

<https://cutt.ly/9H0Dv6L>

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)